MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1060/2007

Maria **MUSCAT**, Salvu Muscat, Joseph Muscat u Carmen Muscat

vs

Michael **ATTARD**

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Ottubru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissra l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek Attard ma kellu l-ebda jedd jgħaddi komunikazzjoni permezz ta' katusa minn ġo ħwejjiġhom (art ta' kejl ta' madwar tmienja u għoxrin metru kwadru) li tmiss mad-dar fejn joqgħod bl-isem ta' "*Chateau Bidnija*", Triq il-Bidnija, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar; (b) dik il-medda katusa tinsab fl-art tal-atturi; (ċ)

tordna lill-imħarrek ineħħi l-katusa u dik il-komunikazzjoni, fiż-żmien qasir u perentorju li l-istess Qorti jogħġobha tagħtih; u (d) f'każ li l-imħarrek jonqos li jagħmel dak lilu ordnat fiż-żmien mogħti, tawtorizza lill-atturi jagħmlu huma x-xogħlijiet meħtieġa bi spejjeż għall-imħarrek. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Diċembru, 2007, li bih ordnat in-notifika tal-atti tar-Rikors lill-intimat u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' April, 2008[1], li bih u fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-24 ta' Marzu, 2008, ordnat li n-notifika tal-atti lill-intimat issir bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni maħsubin fl-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-riferti relattivi għall-affissjoni[2], il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern[3], u bl-avviż f'ġurnal lokali[4];

Rat li l-imħarrek naqas li jressaq Tweġiba fiż-żmien li tagħti l-liġi;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Lulju, 2008, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2008[5], li bih ordnat in-notifika lill-atturi ta' rikors imressaq mill-imħarrek f'Ġunju tal-2008 u li bih talab li jitħalla jressaq Tweġiba Maħlufa u li jikkontesta l-kawża;

[1] Paġ. 10 tal-proċess
[2] Paġ. 12 *tergo* tal-proċess
[3] Paġ. 13 tal-proċess
[4] Paġ. 16 tal-proċess
[5] Paġ. 30 tal-proċess

Rat it-Tweġiba mressqa mill-atturi fl-24 ta' Diċembru, 2008, li bih oġġezzjonaw għat-talba tal-imħarrek li jitħalla jneħħi l-kontumaċja tiegħu;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Jannar, 2009, li bih ħalliet id-deċiżjoni tagħha dwar it-talba tal-imħarrek, wara li tisma' lill-partijiet waqt is-smigħ tal-lum;

Rat li l-imharrek Michael Attard naqas li jidher ghas-smigh tal-lum, u tressaq biss certifikat mediku f'ismu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment dwar it-talba tal-imħarrek;

***Ikkunsidrat:***

Illi kif jidher mill-atti tal-kawża, kopja tar-Rikors Maħluf ġiet notifikata lill-imħarrek fl-24 ta' April, 2008, billi twaħħlet mal-bieb tal-post imsemmi fir-Rikors Maħluf. Minbarra dan, minħabba li n-notifika saret għall-finijiet tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12, tħalliet kopja tar-Rikors Maħluf ukoll mal-Għassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Baħar, u mal-Kunsill Lokali tal-istess lokal. Saret ukoll il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali u f'ġurnal lokali fl-ilsien Malti. L-atturi kellhom jirrikorru għal din il-proċedura minħabba li kull tentativ ieħor li għamlu qabel biex jinnotifikaw lill-imħarrek ma ħalliex frott;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-fatti, l-imħarrek kellu sal-14 ta' Mejju, 2008, biex iressaq Tweġiba Maħlufa;

Illi fl-20 ta' Ġunju, 2008, ressaq talba b'rikors biex jitħalla jikkontesta l-kawża. L-ilment tiegħu hu li ma kienx minnu li twaħħlet kopja tal-att mal-post tiegħu, u li sar jaf bil-kawża biss bla ħsieb "ftit jiem ilu wara li kien mar xi ħadd fuq is-seftura u qalilha bil-kawża, is-seftura kienet

espressament projbita milli taċċetta karti għan-nom tiegħu”[6];

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugħa minn din il-Qorti f’isem l-imħarrek, ir-raġuni ewlenija li għaliha hu jgħid li jkun xieraq u mistħoqq li l-kontumaċja tiegħu titneħħa tikkonsisti fil-fatt tal-irregolarita’ tan-notifika. Huwa jidher li jsemmi wkoll bħala raġuni t-tagħrif mogħti lis-seftura tiegħu meta din ma tirrappreżentahx u lanqas hija waħda minn dawk il-persuni msemmija mil-liġi fl-artikolu 187 tal-Kap 12, u li, fit-tieni lok, li dak it-tagħrif ingħatalu wara li kien għalaq iż-żmien utli li fih hu seta’ jikkontesta l-kawża;

Illi dwar in-notifika ta’ persuna fiżika b’atti ġudizzjarji, tipprovdi l-liġi fl-artikolu 187 (1) tat-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-Qorti hawnhekk qegħda tifhem li jekk kemm-il darba wieħed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax iżjed il-każ li wieħed jitkellem ukoll dwar il-jedd li jneħħi l-kontumaċja, għaliex notifika invalida, jew nuqqas ta’ notifika skond il-liġi, ma tagħti qatt bidu għaż-żmien li jimxi kontra l-persuna li, fil-fatt, ma tkun ġiet notifikata qatt. Wieħed ma jistax jaqa’ kontumaċi jekk mhux wara li jkun ġie validament notifikat bir-Rikors Maħluf. Għalhekk, huwa biss f’każ li jirriżulta li hemm notifika valida li wieħed jgħaddi biex jgħarbel jekk il-kontumaċja li sseħħ tkunx waħda ġustifikabbli jew inkella waħda ta’ ħtija. Min-naħa l-oħra, notifika li tkun saret sewwa ma tfissirx li l-imħarrek ma jibqagħlux mod kif jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu[7];

Illi, l-artikolu 187 (1) jfisser kif, lil min u fejn għandha ssir in-notifika biex titqies li hija waħda valida u kif għandha tkun. Dwar il-persuni li għandhom jista’ jitħalla l-att ġudizzjarju, il-liġi ssemmi lil membru tal-familja tal-persuna li lilha jkun indirizzat l-att, jew membru tad-dar fejn tgħammar dik il-persuna, jew xi ħadd fis-servizz ta’ dik il--persuna, jew inkella f’idejn prokuratur jew persuna awtorizzata biex f’isem dik il-persuna tilqa’ l-att. F’kull kaz bħal dan, il-persuni li l-ligi tqis li jistgħu jilqgħu n-notifika

[6] Rikors tal-imħarrek, f’paġ. 18 tal-proċess

[7] App. Ċiv. **12.12.1975** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (mhix pubblikata)

jridu jkunu ’1 fuq minn erbatax-il sena u mentalment kapaċi jkunu xiehda ta’ l-istess notifika;

Illi filwaqt li, fil-każ ta’ notifika ta’ korp li jkollu personalita’ ġuridika l-persuna awtorizzata biex tirrappresentaha trid tkun hekk awtorizzata bil-miktub [art. 181A (2)], mhux l-istess jidher li hu l-każ dwar persuna li hija l-prokuratur jew il-persuna awtorizzata biex tirrappresenta persuna fisika, għall-finijiet ta’ notifika valida;

Illi dwar il-post fejn tista’ ssir in-notifika, il-liġi ssemmi tliet imkien: il-post fejn toqgħod il-persuna li għandha tiġi notifikata, jew il-post fejn taħdem jew il-post mogħti minnha bħala l-indirizz postali tagħha;

Illi mill-provi mressqa waqt is-smigħ tal-każ dwar dan 1-episodju u kif ukoll minn dak li jirriżulta mill-atti tal-kawża, joħorġu dawn il-fatti: (a) in-notifika tal-att tar-Rikors Maħluf u tal-Avviż tas-Smigħ saret fl-24 ta’ April, 2008, mal-bieb tal-post imsemmi fl-atti bħala l-post fejn kellha ssir in-notifika, jiġifieri fil-fond “Chateau Bidnija”, Triq il-Bidnija, Bidnija u li (b) n-notifika saret bil-mezz tal-affissjoni;

Illi minn kif jidher mis-sottomissjonijiet magħmula mill-imħarrek fir-rikors tiegħu, ma hux kontestat li 1-post fejn kellha ssir in-notifika ma kienx wieħed xieraq jew kif tistabilixxi l-liġi. Fil-fatt, huwa jistqarr li dak l-indirizz huwa l-post fejn jgħix. Il-qofol tal-każ tiegħu jpoġġih fuq jekk kienx minnu tassew li kopja tal-atti tħalliet imwaħħla mal-bieb tal-imsemmi post. Huwa jgħid li ma tħallietx. Ir-riferta mal-atti tgħid li tħalliet. Minbarra dan, riferti oħrajn jgħidu li, minbarra li tħallew kopji mal-bieb ta’ dar l-imħarrek, tħallew kopji wkoll f’żewġ postijiet pubbliċi (l-Għassa tal-Pulizija u l-Uffiċċi tal-Kunsill Lokali) fl-inħawi tal-pajjiż fejn tinsab id-dar tiegħu. Saret ukoll il-pubblikazzjoni meħtieġa – pubblikazzjoni li l-imħarrek ma jista’ jiċħad bl-ebda mod – kemm fil-Gazzetta tal-Gvern u kif ukoll f’ġurnal lokali;

Illi l-Qorti qieset sewwa s-sottomissjonijiet magħmula mill-avukati tal-partijiet, u ssib li n-notifika tal-atti saret sewwa u kif titlob il-liġi. Din il-Qorti, speċjalment f’materja teknika

bħalma hija l-kwestjoni tas-siwi ta’ notifika, jkollha ssegwi fedelment dak li tgħid il-liġi tal-proċedura. F’dan il-każ, għalhekk, ladarba l-imħarrek naqas li jressaq it-Tweġiba Maħlufa tiegħu fiż-żmien li trid il-liġi, joħroġ li huwa waqa’ kontumaċi;

Illi l-imħarrek ma ġab l-ebda raġuni oħra biex iwassal lil din il-Qorti tqis għaliex għandha tqis il-kontumaċja tiegħu bħala waħda ġustifikabbli. Wieħed irid iqis li jekk ma tingħatax raġuni tajba, il-kontumaċja ma tistax ma titqiesx bħala kolpuża[8]: hija ġustifikata l-kontumaċja meta tkun determinata minn impediment leġittimu;

Illi fil-każ tal-lum, l-imħarrek ma ressaq l-ebda argument jew sottomissjoni dwar ir-raġuni għaliex ma ikkontestax it-talba attriċi fiż-żmien mogħti lilu. Baqa’ jisħaq li ma kienx minnu li saret l-affissjoni mal-bieb tad-dar tiegħu. Din iċ-ċaħda m’hijiex ta’ min joqgħod fuqha. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba xi ħadd neħħa l-kopja tal-atti minn mal-bieb tad-dar tal-imħarrek u naqas li jgħarrfu, dan il-fatt ġeneralment irid iwieġeb għalih l-istess imħarrek, sakemm ma jurix li dak il-fatt ikun sar b’qerq għalih. Hemm ħtija meta persuna tonqos li tagħmel arranġamenti xierqa dwar in-notifika lilha ta’ atti mill-qorti u jew li tagħmel arranġamenti u mbagħad tonqos li tħarishom[9]. Minn dak kollu li l-imħarrek kellu jgħidilha, l-Qorti ma ngħatat l-ebda raġuni tajba biex issib li l-kontumaċja tiegħu hija ġustifikabbli;

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**tiċħad ir-rikors tal-imharrek** Michael Attard, u tiddikjarah kontumaċi, bla ħsara għall-jeddijiet mogħtija lilu mil-liġi, b’mod partikolari mill-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

---

[8] P.A. **29.11.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.811**)
[9] App. Kumm. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Delceppo vs Bondin et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.28)**

**tordna wkoll** it-tneħħija mill-atti tal-kawża tat-Tweġiba mressqa flimkien mar-rikors tiegħu u ta' kull dokument mehmuż magħha.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------